**23 ta' Novembru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**

Piju Bezzina

*versus*

Indri Galea

**Splużjoni ta' Ġelatina f'Barriera - *Culpa Aquiliana***

*Biex tirnexxi azzjoni għad-danni kkawżati f'kważi-delitt mhux biżżejjed li l-attur jipprova li sofra xi ħsara fil-proprjetà tiegħu imma jeħtieġ li jipprova ukoll li din il-ħsara ġejja mill-aġir ta' l-attur jew li ta' l-inqas ikkontribwixxa għaliha.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi l-attur huwa proprjetarju ta' razzett u kmamar oħra fit-territorju magħruf bħala tal-Palma limiti ta' l-Imġarr ftit 'il bogħod mill-barriera posseduta mill-konvenut Indri Galea, illi f'dawn l-aħħar xhur l-istess konvenut kien qed jagħmel esplużjonijiet tal-ġelatina fl-istess barriera u dawn l-istess splużjonijiet ikkaġunaw fil-proprjetà fuq indikata ta' l-attur ħsarat illi huma

ta' natura strutturali kif jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, illi l-konvenut qed jinnega illi dawn il-ħsarat ġew ikkaġunati mill-aġir illegali tiegħu u illi dawn il-ħsarat huma ta' konsistenza konsiderevoli, talab li din il-Qorti tiddikjara lill-konvenut responsabbli għall-imsemmija ħsarat fuq indikati fil-proprjetà ta' l-attur u li biex fi żmien qasir u perentorju tikkundannah illi jsewwi l-istess ħsarat ikkaġonati minnu taħt sorveljanza ta' Perit li jiġi nnominat minn din il-Qorti u sabiex fin-nuqqas l-attur jiġi awtorizzat jagħmel l-istess tiswijiet taħt sorveljanza ta' l-istess perit a spejjeż tal-konvenut - bl-ispejjeż inklużi dawk tal-protest ta' l-20 ta' Ġunju, 1978 kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi mhux veru li qed isiru xi ħsarat fil-fond ta' l-attur, kawża ta' esplużjonijiet magħmula mill-konvenut;

Rat ir-relazzjoni ta' l-Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Huntingford minnu debitament maħlufa fis-seduta tal-25 ta' Mejju, 1981 u r-relazzjoni ulterjuri tiegħu ta' l-20 ta' Mejju, 1983, minnu ukoll maħlufa fis-seduta ta' l-20 ta' Mejju, 1983;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

L-attur qiegħed jallega illi bħala konsegwenza ta' splużjonijiet ta' ġelatina li l-konvenut għamel fil-barriera tiegħu, huwa sofra ħsara ta' natura strutturali u ta' konsistenza konsiderevoli fil-proprjetà tiegħu msemmija fiċ-ċitazzjoni u għalhekk ,qed jitlob li l-Qorti tiddikjara lill-konvenut responsabbli għall-istess ħsara u li l-konvenut jiġi kkundannat

isewwihielu f'terminu qasir li tiffissa, b'dan li f'każ li l-konvenut jonqos li jagħmel dawn ir-riparazzjonijiet, l-attur jiġi awtorizzat jagħmilhom hu stess a spejjeż tal-konvenut;

Huwa prinċipju fondamentali tal-liġi rrikonoxxut bl-artikolu 561 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili illi l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem dejjem lil min jallegah. Fil-każ preżenti l-attur qiegħed jallega li għandu ħsara fil-proprjetà tiegħu msemmija fiċ-ċitazzjoni u qiegħed ukoll jallega li din il-ħsara ġiet ikkaġunata mill-konvenut meta dana għamel splużjonijiet tal-ġelatina fil-barriera tiegħu;

Għalhekk fil-każ preżenti il-piż tal-prova mixħut fuq l-attur huwa dupliċi; l-attur għandu jipprova l-eżistenza ta' ħsara fil-proprjetà tiegħu u għandu jipprova ukoll li din il-ħsara ġrat tort ta' l-esplużjonijiet tal-ġelatina li l-konvenut għamel fil-barriera tiegħu. Biex jirnexxi fl-azzjoni tiegħu mhux biżżejjed li l-attur jiprova l-ħsara fil-proprjetà tiegħu imma jeħtieġ li jipprova ukoll li din il-ħsara ġejja mill-esplużjonijiet tal-ġelatina magħmula mill-konvenut fil-barriera tiegħu;

Ikkunsidrat:

Fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-25 ta' Mejju, 1981 (paras. 15, 15.1, 15.2, 15.3, 15.4, 15.5 u 15.6) il-perit tekniku ta deskrizzjoni dettaljata tal-ħsarat li huwa kkonstata fil-proprjetà ta' l-attur. Dawn il-ħsarat kienu jikkonsistu prinċipalment, f'konsenturi, xquq irqaq u *cracks*. Skond il-perit tekniku, il-fondi ta' l-attur kienu mibnija fuq il-blat u għalhekk huwa wisq improbabbli li l-ħsarat li kkonstata kienu ġew ikkaġunati minn xi serħan tal-pedamenti;

Il-perit tekniku mbagħad għadda biex jeżamina minutament il-provi sabiex jara jekk il-kaġun tal-ħsarat li

rriskontra setax jinsab. U minn dan l-eżami dettaljat hu wasal għall-konklużjoni li l-konvenut ma kisirx il-kondizzjonijiet tal-permess tal-pulizija u li l-ħsara setgħet kienet dovuta għall-isparar tal-konvenut li għalkemm kien jikkonforma ruħu mill-kondizzjonijiet tal-liċenzja tal-pulizija, dejjem kien qed isir fid-*danger zone* jew għall-użu tal-*jack hammer* mill-attur stess fil-bini tiegħu jew għal dawn iż-żewġ fatturi flimkien. Il-perit tekniku ssuġġerixxa li jsir ċertu test b'apparat speċjali ta' l-Armed Forces of Malta (AFM) sabiex jista' jiddetermina x'qawwa kellhom l-esplużjonijiet tal-ġelatina tal-konvenut u b'hekk jasal għall-konklużjoni adatta skond l-i*standards* stabbiliti in materja; iżda billi dan is-suġġeriment għaqli tal-perit tekniku ma kienx ġie f'dak l-istadju aċċettat mill-attur, il-perit tekniku ma setax jgħaddi biex jagħmlu;

Anke kieku l-provi waqfu fl-istadju fuq imsemmi u l-Qorti aċċettat il-konklużjonijiet fuq imsemmija raġġunti mill-perit tekniku, il-Qorti kien ikollha tikkonkludi li l-attur, għalkemm ipprova l-eżistenza ta' ħsara fil-proprjetà tiegħu, ma rnexxilux jipprova li din il-ħsara ġrat tort unikament ta' l-esplużjonijiet tal-ġelatina tal-konvenut jew li dawn l-esplużjonijiet ikkontribwew għall-ħsara u dana billi l-perit tekniku kkonkluda ukoll li l-ħsara setgħet kienet dovuta għall-użu tal-*jackhammer* mill-attur u l-Qorti għalhekk kienet a bażi tar-riżultanzi proċesswali f'dak l-istadju tirriġetta d-domandi;

Iżda in segwitu għall-imsemmija relazzjoni peritali, l-attur, permess ta' nota ppreżentata fit-18 ta' Jannar, 1982, iddikjara li jixtieq isir it-test prattiku fuq imsemmi u fil-fatt dan it-test sar fil-presenza u taħt id-direzzjoni ta' l-imsemmi perit tekniku li f'relazzjoni ulterjuri tiegħu ta' l-20 ta' Mejju, 1983 spjega dettaljatament it-test li kien sar u, għar-raġunijiet minnu mogħtija, sia f'dik it-tieni relazzjoni tiegħu kif ukoll fid-deposizzjoni tiegħu ulterjuri tat-12 ta' Lulju, 1984, wasal għall-konklużjoni li l-esplużjonijiet magħmula mill-konvenut fil-

barriera tiegħu skond il-kondizzjonijiet tal-liċenzja tal-pulizija (u l-Qorti wara li eżaminat bir-reqqa l-provi taqbel mal-perit tekniku li ma ġiex ippruvat li dawn l-esplużjonijiet ma sarux skond l-istess kondizzjonijiet) bla ebda mod ma setgħu jikkaġunaw xi ħsara fil-proprjetà ta' l-attur;

Il-Qorti hi tal-fehma li l-perit tekniku għamel eżami akkurat tal-provi u, f'din il-materja teknika u fin-nuqqas ta' xi ħaġa fil-provi li tista' twaqqa' l-konklużjonijiet tekniċi tal-perit ġudizzjarju, il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konklużjonijiet tiegħu. Skond dawn il-konklużjonijiet finali tiegħu ġie eskluż li l-esplużjonijiet tal-ġelatina magħmula mill-konvenut fil-barriera tiegħu setgħu kkaġunaw il-ħsara fil-proprjetà ta' l-attur jew setgħu b'xi mod ikkontribwew għal dik il-ħsara u għalhekk l-attur ma ssodisfax il-piż mixħut fuqu, ħsara u għalhekk l-attur ma ssodisfax il-piż mixħut fuqu, kif fuq ingħad, li jipprova li l-ħsara fil-proprjetà tiegħu ġrat tort ta' l-esplużjonijiet tal-ġelatina magħmula mill-konvenut fil-barriera tiegħu. Kwindi l-Qorti tirritjeni li t-talbiet ta' l-attur huma nfondati;

Għal dawn il-motivi l-Qorti, prevja adozzjoni tar-relazzjoni tal-perit tekniku, tiċħad it-talbiet kollha ta' l-attur. L-ispejjeż tal-kawża (apparti dawk ġà deċiżi) għandhom jitħallsu mill-attur.

---